**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kompilazzjoni Numru: 734/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Hubert A. Cini)**

**vs.**

**George Glanville**

Illum is-17 ta' Lulju 2025

Il-Qorti:

Rat l-akkużi dedotti kontra George Glanville, ta' 81 sena, iben Lewis u Josephine xebba Vassallo, imwieled is-Siġġiewi nhar is-27 ta' April 1942, residenti 140, Triq Mater Boni Consili, Fgura u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 262042M.

Akkużat talli nhar it-13 ta' Mejju 2018, għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħodu (10:30HRS) fi Triq Wied Blandun, Paola:

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħek, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti (tat-traffiku), waqt li kont qed issuq jew kont fil-kontroll jew fil-pussess tal-vettura għamla KIA mudell RIO numru tar-Reġistrazzjoni RIO 042, ikkaġunajt il-mewt ta' William Cocker (ID 290038M) liema mewt seħħet nhar il-31 ta' Mejju 2018 fl-isptar Mater Dei, Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien mhux inqas minn tmint ijiem u dan skond it-termini tal-Artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul l-eżami tal-imputat fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2024, ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.[1]

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali skont l-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali sabiex il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.[2]

Rat il-fedina penali tal-imputat datata 20 ta' Settembru 2023.[3]

Rat il-procés-verbal bin-numru 380/2023 redatt mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia dwar il-mewt ta' William Cocker (I.D. card numru 290038M) li seħħet ġewwa l-Isptar Mater Dei nhar il-31 ta' Mejju 2018.[4]

[1] Folio 26 tal-atti proċesswali
[2] Folio 5 tal-atti proċesswali
[3] Folio 16-17 tal-atti proċesswali
[4] Folio 29-75 tal-atti proċesswali

Semgħet ix-xhieda kollha.

Rat illi l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha nhar t-12 ta' Novembru 2024.[5]

Rat illi nhar l-14 ta' Jannar 2025 id-difiża iddikjarat li m'għandhiex provi xi tressaq f'dan il-każ.[6]

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati, ħadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw finalment fl-udjenza tat-11 ta' Marzu 2025.[7]

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.[8]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-każ imur lura għat-18 ta' Mejju 2018 meta l-vittma William Cocker, waqt li kien qed jaqsam it-triq, ġie mtajjar minn vettura misjuqa minn l-imputat George Glanville. Il-vittma ġie iċċertifikat li sofra ġrieħi gravi iżda mhux fil-periklu tal-mewt.

Illi wara l-akkadut, il-vittma William Cocker ġie mittieħed l-Isptar Mater Dei fejn kien iddaħħal fit-Taqsima tal-Emerġenza. Huwa eventwalment miet nhar il-31 ta' Mejju 2018 per konsegwenza tal-komplikazzjonijiet tal-ġrieħi li hu ġarrab riżultat tal-inċident stradali.

[5] Folio 102 tal-atti proċesswali
[6] Folio 298 tal-atti proċesswali
[7] Folio 300-305 tal-atti proċesswali
[8] Folio 299 tal-atti proċesswali

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser tagħmel referenza għax-xiehda li nstemgħet viva voce u għad-dokumenti saljenti li ġew preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2024 xehdet **Oriana Deguara**[9] li ippreżentat il-procés-verbal bin-numru 380/2023 redatt mill-Maġistrat Dr. Ian Farrugia dwar il-mewt ta' William Cocker (I.D. card numru 290038M) li seħħet ġewwa l-Isptar Mater Dei nhar il-31 ta' Mejju 2018, liema procés-verbal ġie magħluq fit-3 ta' Lulju 2023.[10]

Fl-istess udjenza tal-4 ta' Marzu 2024 xehed **Toni Farrugia**[11] li jgħid illi l-akkadut ġara nhar ta' Ħadd madwar ħames snin preċedenti. Dakinhar huwa kien bil-mutur flimkien ma' ibnu u waqt li kien nieżel Triq Wied Blandun ġewwa Raħal Ġdid lejn il-Moskea ra l-inċident iseħħ quddiemu. Kien hemm l-imputat isuq quddiemu maġemb il-bankina w "*għal karozza kienet tajjeb li jibqa' sejjer*"[12]. Huwa seta' jara lill-vittma li kien miexi fuq il-bankina u f'daqqa "*qabad u qasam*"[13]. Il-vettura laqtitu u waqfet ma' l-impatt. Huwa jiddeskrivi l-vettura tal-imputat bħala antika u ta' lewn *silver*. Jispjega illi kif ra hekk huwa niżel mill-vettura jagħti l-ewwel għajnuna lill-vittma li kien anzjan bħal l-imputat u li dawn it-tnejn kienu ħbieb. Jgħid li stenna magħhom sakemm ġiet l-ambulanza. Sa dak il-ħin il-vittma kien jiċċaqlaq u jitkellem.

Finalment fl-istess seduta tal-4 ta' Marzu 2024 xehed **Riccardo Galea**[14] li jgħid illi l-akkadut ġara nhar ta' Ħadd madwar ħames snin qabel fit-triq magħrufa bħala l-benniena tal-Fgura qrib iċ-ċinema u r-roundabout tal-Moskea meta

[9] Folio 27 tal-atti proċesswali
[10] Folio 29-64 tal-atti proċesswali
[11] Folio 65-70 tal-atti proċesswali
[12] Folio 66 tal-atti proċesswali
[13] Folio 66 tal-atti proċesswali
[14] Folio 71-75 tal-atti proċesswali

wieħed ikun fi triqtu lejn il-Marsa. Jgħid illi innota li kien hemm anzjan, il-vittma, qed jaqsam it-triq mal-*lights*, qasam u rah jogħla. Dak il-ħin it-*traffic lights* kienu ħodor għall-vetturi biex jibqgħu għaddejjin. Jgħid illi wara l-impatt huwa niżel biex jagħti lill-vittma l-ewwel għajnuna. Ma jiftakarx min kien is-sewwieq tal-vettura li tajret lill-vittma iżda ċert li kien anzjan u li l-imputat u l-vittma kienu jafu lil xulxin. Huwa baqa' fuq il-post ġiet l-ambulanza. Il-vittma sa dak il-ħin kien konxju.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2024 xehed is-**Supretendent Hubert Cini**[15] li fi żmien l-inċident kien għadu fil-kariga ta' Spettur u kien stazzjonat l-għassa ta' Raħal Ġdid. Jispjega li kien daħal rapport dwar inċident stradali fejn kien weġġa William Cocker. Mar PS 15 fuq il-post u ħejja rapport tal-akkadut fejn irriżulta li l-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni RIO 042 tal-għamla Kia Rio misjuqa minn George Glanville, l-imputat, kienet tajret lill-vittma fit-triq magħrufa bħala l-benniena ta' Raħal Ġdid, Triq Wied Blandun. Is-Supretendent jgħid illi l-pulizija marret l-Isptar Mater Dei sabiex tistħarreġ dwar il-każ fejn il-vittma kien ġie iċċertifikat li sofra ġrieħi gravi iżda ma kienx fil-perikolu tal-mewt. Wara xi żmien il-vittma kien imbagħad miet. Wara l-mewt tiegħu, huwa talab lill-Maġistrat Inkwirenti sabiex issir awtopsja ħalli jiġi ċċarat jekk il-mewt kienitx konsegwenza tal-inċident. Ġie determinat illi fil-fatt kien hemm relazzjoni bejn l-inċident u l-mewt. Sussegwentement inħarġu l-akkużi kontra l-imputat. Jgħid illi hu kien bagħat għall-imputat fejn irrilaxxja stqarrija u wieġeb għal kull domanda li saritlu. Jispjega li l-imputat wera rimors għal dak li kien ġara peress illi l-vittma kien ħabib tiegħu. Dwar il-lok tal-inċident jispjega illi t-triq hija niżla w f'każ li jaqsamlek xi ħadd trid iżżomm *break* tajjeb biex tieqaf.

[15] Folio 77-81 tal-atti proċesswali

In kontro ezami s-Supretendent jikkonferma illi l-verżjonijiet mogħtija mix-xhieda okulari li kienu preżenti *a tempo vergine* jaqblu mal-verżjoni mogħtija minn l-imputat fl-istqarrija tiegħu, partikolarment dwar il-fatt li l-vittma qabad u qasam.

Ix-xhud esibixxa ċertifikat tal-mewt ta' William Cocker.[16]

Fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024 xehed **Stephen Cachia**[17] in rappreżentanza ta' Transport Malta li ikkonferma li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RIO 042 tal-għamla Kia Rio ta' lewn *silver* kienet reġistrata fuq l-imputat George Glanville. Ġiet reġistrata f'ismu nhar l-4 ta' Diċembru 2003 u illum tali vettura ġiet skreppjata fis-27 ta' Ġunju 2022. Ix-xhud ippreżenta d-dokumentazzjoni relattivi għar-riċerka li kien ġie mitlub jagħmel mill-prosekuzzjoni.

Illi ukoll fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2024 xehed t-Tabib **Dr. James Saviour Borg**[18] li bħala tabib tal-emerġenza fl-Isptar Mater Dei kien ra lill-vittma wara l-inċident tat-13 ta' Mejju 2018. Ix-xhud ippreżenta kopja taċ-ċertifikat mediku li hu kien irrilaxxja dwar il-ġrieħi gravi li l-vittma kien sofra per konsegwenza tal-inċident.[19]

Finalment fl-istess seduta xehed it-Tabib **Dr. Simon Aquilina**[20] li kkonferma li l-involviment tiegħu kien limitat għat-tħejjija taċ-ċertifikat tal-mewt tal-vittma.

Illi fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2024 xehed **PS 15 Cyril Butters**[21] li kkonferma li r-rapport bin-numru NPS 3E/1802/2018[22] ippreżentat fl-atti ta' dan il-każ kien ħejjieh hu.

[16] Dok. HC1, Folio 82 tal-atti proċesswali
[17] Folio 88-89 tal-atti proċesswali
[18] Folio 96-97 tal-atti proċesswali
[19] Dok. SB1, Folio 98 tal-atti proċesswali
[20] Folio 99-101 tal-atti proċesswali
[21] Folio 103 tal-atti proċesswali
[22] Folio 6-11 tal-atti proċesswali

Illi ukoll fl-udjenza tat-12 ta' Novembru 2024 xehdet **Dr. Ingrid Zammit Young**[23] in rappreżentanza tal-Isptar Mater Dei li ippreżentat il-file mediku tal-vittma William Cocker.[24]

Illi d-difiża għażlet li ma tressaqx provi f'dan il-każ.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija tal-imputat**

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-istqarrija tal-imputat ittieħdet nhar l-24 ta' Settembru 2023 fl-għaxra u erbgħin minuta ta' filgħodu (10:40HRS), ġewwa l-F.C.I.D. Ħamrun, minn l-Ispettur Hubert Cini fil-preżenza ta' PS 856 Conrad Falzon.[25]

Illi din l-istqarrija ittieħdet wara li l-imputat ingħata d-drittijiet kollha tiegħu dwar il-jedd li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel issirlu l-interrogazzjoni. L-imputat għażel li jirrinunzja milli jeżerċita dawn id-drittijiet u ffirma tali rinunzja.[26]

L-imputat wieġeb għad-domandi kollha li sarulu w ffirma kull paġna tal-istqarrija tiegħu.

Illi l-imputat spjega li dakinhar tal-akkadut huwa kien sejjer lejn San Vinċenz de Paule. Ħareġ il-karozza mill-garaxx sitwat fi Triq Kent u beda' jsuq. Inzerta li warajh kien hemm raġel bil-mutur li ħareġ minn Triq il-Koppla. Dan ir-raġel kien akkumpanjat minn persuna oħra. L-imputat u s-sewwieq tal-mutur

[23] Folio 104 tal-atti proċesswali
[24] Dok. IZY1, Folio 105-297 tal-atti proċesswali
[25] Folio 12 tal-atti proċesswali
[26] Folio 14 tal-atti proċesswali

baqgħu mixjin wara xulxin sat-triq fejn seħħ l-inċident. L-imputat itenni li s-sewwieq tal-mutur ra kollox.

L-imputat jispjega illi kienu l-għaxra ta' filgħodu (10:00HRS) u t-triq kienet kompletament vojta miż-żewġt naħat. It-*traffic lights* kienu ħodor u seta' jibqa' għaddej. Kien f'dak il-ħin illi l-vittma William Cocker tfaċċa minn wara ħajt, baqa' ħiereġ u daħal bir-ras ġol-vettura tiegħu w laqtu eżatt fir-rokna tal-windscreen tan-naħa tal-passiġġier. Jgħid illi kien qed isuq b'veloċità normalissima ta' bejn l-40 u l-50 tant illi waqaf minn l-ewwel u ma kien hemm l-ebda *brake marks* fit-triq. Bħala ħsara jgħid illi sofra daqqa żgħira fil-vettura.

Jispjega illi mal-ħabta huwa waqaf u niżel jara x'kien ġralu l-vittma li min-naħa tiegħu kien kellmu w kien f'qagħda li seta' jikkomunika. Wara xi ħin ġew il-pulizija w l-ambulanza fuq il-post. L-imputat jgħid li baqa' fuq il-post sakemm il-pulizija qalulu li seta' jitlaq. Huwa kompla jgħid li t-*traffic lights* baqgħu ħodor tul iż-żmien kollu li huwa dam fuq il-post mal-pulizija.

L-imputat tenna illi ddispjaċih ta' dak li kien ġara. Jgħid li hu kien ħabib tal-vittma w li kien ilu jafu snin twal. L-imputat jgħid illi kien baqa' jmur jara lill-vittma l-isptar kull jumejn sa meta imbagħad eventwalment miet, fejn anke kien attenda għall-funeral tiegħu.

L-imputat stqarr ukoll illi l-vittma dik il-ħabta ma kienx *compos mentis* u saħansitra kien jieħu l-mediċini. Spjega illi din l-informazzjoni ġabha mingħand ħut il-vittma wara l-inċident.

**Ikkunsidrat**

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni w d-difiża trattaw il-każ fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2025.[27]

Il-prosekuzzjoni ssottomettiet illi l-akkużi inħarġu kontra l-imputat peress illi minn l-awtopsja kien ħareġ illi l-mewt tal-vittma ġiet ikkawżata per konsegwenza tal-inċident meta l-imputat tajjru. Il-prosekuzzjoni saħqet illi għalkemm jista' jiġi stabbilit illi l-vittma qasam minn fuq il-*pellican lights* waqt li d-dwal kienu ħodor, kien l-imputat li ma żammx *a proper lookout* u ma kienx pront sabiex jagħfas il-brejk minħabba nuqqas ta' attenzjoni waqt li kien qed isuq.

Min-naħa tagħha d-difiża għamlet referenza għal dak li ntqal minn l-imputat *a tempo vergine* li d-dwal kienu ħodor u li l-vittma qabad u qasam bl-addoċċ, fatt illi ġie wkoll ikkonfermat mix-xhieda okulari Tony Farrugia u Riccardo Galea li kienu qed isuqu wara l-imputat. Id-difiża saħqet illi x-xhieda okulari ma jafux lill-imputat u lanqas huma relatati miegħu. Argumentat illi mhux bilfors illi kull meta jittajjar xi ħadd ikun responsabbli s-sewwieq. Intqal illi m'huwiex il-każ li l-imputat ma żammx *a proper lookout* jew li seta' ibbrejkja sabiex jevita l-inċident għaliex kien il-vittma li qasam bl-addoċċ u ma tax ċans lill-imputat sabiex jirreaġixxi għall-azzjoni tiegħu. Id-difiża ssottomettiet illi għal dawn ir-raġunijiet l-imputat ma jistax jinstab ħati tar-reat.

**Ikkunsidrat**

**Prinċipji Legali**

Illi l-imputat George Glanville fil-kawża odjerna qed jiġi akkużat illi waqt li kien qed isuq jew fil-kontroll jew fil-pussess ta' vettura, b'nuqqas ta' ħsieb, bi

[27] Folio 300-305 tal-atti proċesswali

traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti involontarjament ikkaġuna l-mewt ta' William Cocker.

Illi f'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati tagħna, dejjem ġie ritenut illi kull sewwieq għandu l-obbligu li jżomm 'l hekk imsejjaħ '*proper look out*'. Illi l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista**[28] fejn ingħad illi:

"*Bħalma qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Noel Gauci*** *deċiż fil-25 ta' Marzu 2004:*

*Ġie approppositu ritenut li 'hu dover ta' driver to see what is in plain view' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs Joseph Vella [10.8.1963] u li 'min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm a proper lookout' (Appell Kriminali:* ***Il-Pulizija vs. J.M. Laferla*** *[17.6.1961]). Illi fi* ***Newhaus N.D. vs Bastion Insurance Co. Ltd.*** *(1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:*

*'Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead - it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well' (enfasi tal-Qorti).*"

Illi minn naħa l-oħra, il-Qorti trid tara ukoll l-obbligu tal-*pedestrian*, u għalhekk qed issir referenza għal kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**[29] fejn ġie stabbilit illi:

"*Il-pedestrian għandu ċertament drittijiet fiċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku imma għandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qiegħed ruħu f'post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruħu f'pożizzjoni ta' emerġenza*

[28] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Dr. David Scicluna, 26/5/2004
[29] Qorti tal-Appell Kriminali, 14/5/1955

*subitanea minħabba fih, dak id-driver ma għandux jiġi ritenut ħati ta' sewqan perikoluż u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian."*

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa**[30] ingħad illi:

*"Il-pedestrian għalkemm għandu dritt li jkun fil-karreġġjata biex jaqsam ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam 'with reasonable dispatch'. Aktar u aktar teħtieġ dik l-attenzjoni tal-pedestrian meta si tratta ta' uncontrolled crossing."*

Illi rigward ir-responsabilità tas-sewwieq li jżomm *a proper lookout*, u dwar in-negliġenza kontributorja għall-ġrieħi kawżati minn inċidenti tat-traffiku, ssir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**[31]:

*"Illi dan hu każ ta' investiment ta' pedestrian. Illi gie ritenut in subiecta materia illi l-pedestrian għalkemm għandu dritt ikun fil-karreġġjata biex jaqsam, ċertament għandu wkoll id-dover li juża prudenza biex jaqsam. Jekk il-pedestrian ikun negliġenti però, dan ma jassolvix lid-driver milli juża dak il-grad ta' reasonable care li tinħtieġ. Dana kollu jingħad sakemm ma tkunx ġiet mill-pedestrian kreata lid-driver, bl-imprudenza tiegħu, emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva (ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P.iv p.1023).*

*F'sentenzi oħra imbagħad, ġew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emerġenza subitanea tavverra ruħha, e.g. "meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konduċent jew jagħmel xi moviment insolitu w inaspettat" (App. Kriminali: Il-Pulizija vs. J. Thornton, Vol. XLV. P.iv. p.920) jew meta "pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaċċa għall-għarrieda minn wara xi ċar ieħor; jew li joħroġ minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaċċa għall-għarrieda w inaspettatament quddiem il-karozza" (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain**, Vol. XLVI. P.iv. p.765)."*

---

[30] Qorti tal-Appell Kriminali, 4/4/1959, Vol. XLIII. P. iv p. 1023
[31] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, 12/4/2009

Illi l-Qorti qed tagħmel referenza ukoll għall-kawża **Il-Pulizija vs. Albert Lia**[32] fejn intqal:

*"Illi ġie mbagħad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwieġeb għall-aġir tiegħu indipendentement minn dak li jagħmel ħaddieħor, ammenoché dak li jiġri ma jkunx dovut unikament u esklussivament għall-ħtijiet da parti ta' ħaddieħor. (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** [16.3.1961]; **Il-Pulizija vs. John Polidano** [3.11.1963]; **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u oħrajn). Dana għaliex il-contributory negligence ma teżonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawża unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)".*

*Illi, tenut kont ta' dan kollu u b'mod speċjali ta' dak li gie kwotat aktar il-fuq fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Guzeppi Bilocca**, il-Qorti tinnota li dan l-inċident sfortunat jista' jiġi kunsidrat bħala wieħed fejn bl-azzjoni tal-parti leża ħolqot emerġenza subitanea imprevedibbli. Di fatti, japplika dak li ngħad fil-kawża Il-Pulizija vs. Cassar Desain li saret riferenza għaliha aktar il-fuq. Ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat ħoloq l-emerġenza hu.*

*Illi fil-fehma tal-Qorti huwa ċar li l-parti leża mhux biss ħadet riskju meta iddeċidiet li taqsam it-triq traffikuża bil-mod li qasmitha u kif gie ndikat hawn fuq, imma hi naqset li tosserva r-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq u dana stante li l-Qorti hija sodisfatta li l-parti leża naqset milli tħares kif hija obbligata li tagħmel meta ġiet biex taqsam it-triq, li l-Qorti tazzarda tgħid minħabba x-xita li kienet nieżla. Min-naħa l-oħra huwa ċar ukoll li l-imputat kien qed isuq b'mod tajjeb, meta f'daqqa sab il-parti leża ma' wiċċu u ġara li ġara. Di fatti, bl-imprudenza tagħha l-pedestrian kreat lis-sewwieq emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva da parti tal-imputat (**Il-Pulizija vs. J. Formosa**, kwotata hawn fuq)."*

[32] Qorti tal-Maġistrati, Onor. Maġistrat Dr. Neville Camilleri, 1/6/2015

Fir-rigward tal-eżenzjoni tas-sewwieq minn kwalunkwe responsabbiltà għall-investiment ta' persuna, il-Qorti tagħmel referenza għal kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Hili**[33]. F'dik il-kawża l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet:

*"Illi sabiex sewwieq ikun eżentat minn kwalunkwe responsabbiltà għall-investiment ta' persuna, irid ikun hemm prova ċara tal-hekk imsejjħa 'emerġenza subitanea' li tinħoloq mill-pedestrian meta jiddeċiedi li jaqsam it-triq, emerġenza li tpoġġi lis-sewwieq f'pożizzjoni li la jista' jipprevedi dan is-sinistru u lanqas jista' jipprevjenieh.*

*Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta għaddiet biex telenka liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà għall-investiment ta' pedestrian meta ingħad hekk:*

*"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'każijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirriżulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet:*

*a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente."*

**Ikkunsidrat**

**Provi Miġjuba**

[33] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, 4/5/2021

Illi fortunatament din il-Qorti qiegħda f'pożizzjoni vantaġġuża sabiex tagħmel l-apprezzament tax-xhieda kollha miġjuba f'dan il-każ peress illi hija għexet il-proċess kollu w semgħet hi stess viva voce l-provi kollha.

Illi mix-xhieda jirriżulta illi dan l-inċident sfortunat seħħ waqt li l-imputat kien għaddej isuq fit-triq għan-niżla. Mix-xhieda okulari li raw l-inċident *a tempo vergine* ċioe' Toni Farrugia u Riccardo Galea, li t-tnejn kienu qed isuqu wara l-imputat, jirriżulta li l-vittma qabad u ħareġ għal għarrieda sabiex jaqsam it-triq mingħajr ma stenna li d-dwal tal-*pellican crossing* jaqilbu ħomor. Ix-xhieda spjegaw illi l-mod ażżardat li bih il-vittma qasam it-triq ikkrea sitwazzjoni fejn l-imputat ma setgħax raġonevolment jevitah bl-ebda mod.

Illi jirriżulta wkoll mix-xhieda mogħtija kif ukoll mill-provi miġjuba, illi l-imputat kien qed isuq b'veloċità baxxa in osservanza mar-regolamenti tat-traffiku w li seta' jibqa' għaddej isuq peress li d-dwal tal-*pellican crossing* kienu ħodor għall-vetturi. Il-Qorti għalhekk hija konvinta li l-imputat kien qed isuq b'mod għaqli w responsabbli.

Ireġi allura li l-provi kollha qed jippontaw lejn in-negliġenza tal-vittma li mingħajr attenzjoni qabad u qasam it-triq meta ma kienx il-ħin opportun. Dan wassal lill-Qorti għal fehma illi kienet din in-negliġenza assoluta tal-vittma l-unika fattur li għalih seħħ dan l-inċident sfortunat. Illi għalhekk ma jista' qatt jingħad illi l-imputat ma żammx *a proper lookout* għaliex l-azzjoni tal-vittma kienet waħda imprevedibbli w ma kien hemm xejn illi l-imputat seta' jagħmel sabiex jiġi evitat dan l-inċident.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat d-dokumenti kollha ppreżentati fl-atti proċesswali w semgħat ix-xhieda, hija konvinta illi l-inċident seħħ bl-imprudenza tal-vittma William Cocker, li ikkrea lis-sewwieq emerġenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux raġonevolment possibbli, azzjoni evażiva tempestiva da parti tal-imputat, u

għalhekk stante illi l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ma ġewx sodisfaċentament ppruvati, l-imputat ser jiġi liberat mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u ċioe l-Artikoli 225 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(4) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li qed ssib lill-imputat George Glanville **mhux ħati** tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu w qed tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**Mogħtija illum nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Maġistrat**

**Courtney Zahra**

**Deputat Reġistratur**